# L-Edukazzjoni u l-impjiegi ta' l-Imqabbin bejn is-Seklu Dsatax u Għoxrin

**kitba ta' Charles Farrugia B.A. (Hons.), M.A.**

Wieħed mir-riżultati tal-Kostituzzjoni ta' l-1849 kien l-għoti ta' aktar responsabbiltajiet lir-Rappreżentanti Maltin. L-istess Kostituzzjoni ħolqot numru ta' kumitati sabiex imexxu ċerti servizzi pubbliċi. Wieħed minn dawn kien il-Kumitat għall-Edukazzjoni.[1] Iżda l-akbar piż tar-rifoma edukattiva waqa' fuq il-Kanonku Pawlu Pullicino (1815-90). Pullicino kien edukatur dinamiku u ta' stoffa.[2] Fost ir-riformi li saru kien hemm l-introduzzjoni tas-sistema ta' klassi minflok is-sistema ta' *monitors*[3], l-introduzzjoni tat-tagħlim kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż u riforma fil-kurrikulu.[4] Minbarra li ta kontribut kbir fit-tagħlim ġewwa l-Università fejn kellu l-kariga ta' Professur tal-Pedagoġija ta' l-Iskejjel Primarji (1850-56), il-Kanonku Pullicino fetaħ diversi skejjel primarji fl-ibliet u rħula Maltin.[5]

Kien f'dan il-perijodu li nbeda l-proċess sabiex it-tfal Imqabbin ikollhom skola primarja deċenti fejn jitgħallmu. Fit-13 ta' Ottubru 1869 il-Kanonku Pullicino kiteb lis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern, Victor Houlton, sabiex ikun jista' jħallas il-kera għal żewġ kmamar li hu kien identifika ġewwa l-Imqabba u Ħal Għaxaq sabiex iservu ta' skejjel primarji fiż-żewġ irħula.[6] Dan l-att ma kien xejn għajr miżura żgħira minn pjan aktar wiesgħa li Pullicino nieda sabiex joħloq sistema nazzjonali ta' edukazzjoni (*national system of [popular] education*).[7]

Minbarra r-rabta tiegħu ma' l-Imqabba bħala awtorità fl-edukazzjoni, il-Kanonku Pullicino kellu rabtiet oħra ma' dan ir-raħal. Il-kappella ta' l-Adolorata kienet *jus patronatus* ta' zijuh Dr Giovanni Schembri. Malmewt ta' Dr Schembri l-kappella għaddiet f'idejn oħtu Marianna li kienet tiġi proprju omm il-Kanonku Pullicino. Il-mewt ta' Marianna wasslet sabiex kemm il-kappella kif ukoll l-għalqa ta' magħha magħrufa bħala "Ta' Scamardi" jgħaddu f'idejn il-Kanonku Pawlu Pullicino.[8] B'hekk l-obbligu ta' l-organizzazzjoni annwali tal-festa tal-Madonna tad-Duluri għadda fuqu wkoll. Fil-fatt insibu li f'Settembru 1869, il-Kanonku Pullicino ħallas 2 skudi u 4 tari sabiex saret il-festa tal-Madonna tad-Duluri.[9] Din il-festa kienet issir kull sena f'Settembru u kienet ferm popolari mhux biss fl-Imqabba iżda wkoll fl-irħula tal-madwar. Dan peress li fil-festa kien jitqassam ammont ta' ħobż lill-foqra ta' l-Imqabba,




*Ċertifikat mogħti lil Gio Maria Mallia mill-iskola Primarja ta' l-Imqabba fl-1891.*

---

1. J. Zammit Mangion, 'Education in Malta' (Malta 1992), 19.
2. Pawlu Pullicino twieled fil-15 ta' Awissu 1815. Fl-1850 inħatar Direttur ta' l-Edukazzjoni Primarja, kariga li żamm sa l-1880. Hu introduċa t-taħriġ għall-għalliema, sistema mifruxa ta' skejjel primarji u l-iskejjel ta' bil-lejl. Fl-24 ta' Mejju 1850 il-Kanonku Pullicino nħatar Professur u spettur Prinċipali tat-tagħlim Primarju.
3. Il-*Monitorial School* kienet tikkonsisti f'sala kbira li jkollha l-istudenti kollha ta' l-iskola fiha bis-surmast li jżomm superviżjoni fuq numru ta' *monitors* (studenti akbar u mħarrġa) sabiex jgħallmu lill-grupp kollu.
4. Zammit Mangion, *op. cit.*, 20.
5. J.J. Camilleri, 'Can. P. Pullicino – His life and place in the History of Local Educational Development' (Teżi tal-M.A., 1968).
6. NAM, *CSG01*-6548/1896.
7. Zammit Mangion, *op. cit.*, 21.
8. Informazzjoni mgħoddija minn Philip Pullicino fis-7 ta' April 1988.
9. L-ispejjeż kienu dawn: 5 skudi lil Dun Ġużepp Galea tal-funzjoni, aktar minn 6 skudi għall-munizzjon għan-nar, 3.9 skudi għall-illuminazzjoni u sparar ta' bombi. Ma' dawn kien hemm ukoll skud u 3 tari għas-sagristan, 3 tari għal dak li jdoqq il-qniepen, skud u 3 tari taż-żejt tal-lampi u skud u 3 tari għal erba' xemgħat ta' ratal il-waħda.

Żurrieq u Qrendi.[10] Din id-drawwa żgur li wasslet sabiex il-Kanonku Pullicino jikseb popolarità kbira fost in-nies ta' dawn l-irħula. Żgur li r-rispett ta' l-abitanti ta' dawn l-irħula kien akbar għall-qalb tajba tiegħu milli għall-kisbiet kbar li kien qed jagħmel fuq bażi nazzjonali fil-kamp edukattiv.[11]

Il-pass li ħa Pullicino sabiex jiftaħ skola primarja fl-Imqabba wassal sabiex fis-16 ta' Novembru 1869 Pullicino jirrakomanda lil Pubblio Ellul u Benedetta Pace bħala l-ewwel Surmast u Madam ta' l-iskejjel primarji ta' l-Imqabba. Dawn il-ħatriet kellhom jiġu fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru ta' l-istess sena.[12] Fil-fatt kemm Ellul kif ukoll Pace kienu maħtura b'salarju ta' £38.0s u £21.0s rispettivament.[13] Dan kien ifisser li l-ftuħ ta' skola primarja fl-Imqabba issa kien realtà.

Fil-'Blue Books' insibu reġistrati n-numru ta'


**Graff numru 1:**
**L-attendenza tat-tfal fl-iskejjel primarji ta' l-Imqabba 1870-1904**


studenti li kienu jattendu l-iskejjel primarji fosthom dawk ta' l-Imqabba. L-ewwel ċifri għall-Imqabba huma dawk ta' l-1872. Matul dik is-sena kien hemm 70 student, 32 tifel u 38 tifla.[14]

Il-figuri fi graff 1 juru attendenza aktar qawwija ta' bniet milli subien. Dan m'hu sorprendenti xejn


*Għoti ta' premjijiet ġewwa l-iskola Primarja ta' l-Imqabba fl-1934.*

meta wieħed iqis l-iżbilanċ bejn nisa u rġiel li jeżisti fil-popolazzjoni. Iżda fattur ieħor x'aktarx kien il-fatt li s-subien kienu jinħarġu mill-iskola sabiex jgħinu lil ġenituri fix-xogħol tal-barrieri u r-raba. Iżda dan l-iżbilanċ jonqos ferm sa l-1890. L-ekonomija Maltija fl-1870 u s-snin ta' wara rreġistrat żieda fil-prezzijiet u waqa' fil-pagi. Fl-1869 kien hemm il-ftuħ tal-Kanal ta' Suez li wassal għall-moviment ta' ħaddiema minn xogħol agrikolu għal xogħol ġewwa l-portijiet.[15] Sa l-1890 is-sitwazzjoni bdiet tinbidel peress li l-attività tal-qmugħ u tal-vapur reġgħet bdiet tmajna. Il-kolera ta' l-1887 kompliet ħarbtet il-kummerċ.[16] Għal xi żmien lejn l-aħħar tas-Seklu Dsatax u l-bidu tas-Seklu Għoxrin il-Gvern kellu nefqa kbira fi proġetti tiegħu u ħoloq xogħol ġewwa l-port u fuq proġetti pubbliċi. Iżda mill-1905 'il quddiem l-attività navali naqset ferm.[17] Dan wassal sabiex iż-żgħażagħ isibu diffikultajiet fil-qasam ta' l-impiegi u kienu jaħtfu l-ewwel opportunità ta' impjieg li tfiġġ quddiem wiċċhom. Dawn il-fatturi ekonomiċi setgħu kienu wħud mir-raġunijiet għaż-żieda ta' tfal subien ġewwa l-iskola primarja ta' l-Imqabba lejn l-aħħar tal-1880.

L-iġġamjar ekonomiku kien qed jolqot ukoll fil-livell lokali u l-Imqabba ma kinitx eċċezzjoni. Dan joħroġ minn petizzjoni interessanti ferm bid-data tas-27 ta' Jannar 1896. L-awtur ta' din il-petizzjoni

10. Fl-1890, is-sena li fiha miet il-Kanonku Pullicino, il-ktieb tal-kontijiet tal-kappella jsemmi s-somma ta' 2 skudi u 7 tari bħala l-prezz ta' 210 ratal ta' ħobż (2.5 kull ratal) sabiex jitqassmu bejn il-foqra ta' l-Mqabba, Żurrieq u Qrendi. Għal dan il-għan kienu jinħarġu kupuni apposta. Il-kupuni l-ħodor kienu jissarfu f'nofs artal u l-bojod f'ratal ħobż.
11. Pullicino, *op. cit.*
12. NAM, *CSG01*-6765/1869.
13. 'Blue Book' 1869, M84.
14. *Ibid.*, 1872, U2.
15. A.G. Clare, 'Features of an Island Economy' in *The British Colonial Experience 1800-1964*, ed. V. Mallia Milanes (Malta 1988), 150.
16. *Ibid.*, 151.
17. *Ibid.*, 152.

kien Giovanni Caruana mill-Imqabba li kien jaħdem mad-Dipartiment tad-Dwal fit-Toroq. Hu kiteb li minħabba n-nuqqas ta' kummerċ fil-pajjiż hu kien jinsab mingħajr xogħol u kien ilu f'din is-sitwazzjoni għal ħames xhur. Dan minkejja li hu kien jaf sew kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.[18] Dan in-nuqqas ta' xogħol u allura nuqqas ukoll fil-qasam tax-xogħol tal-barrieri seta' wassal ukoll għal żieda fl-attendenza fl-iskejjel. L-għola ċifra ta' attendenza ta' subien fl-Imqabba ntlaħqet fl-1900.



Gio Maria Briffa – ħaddiem fix-xogħol tal-barriera.

F'Jannar 1896 infetħu żewġ skejjel ta' bil-lejl, waħda fil-Gudja u waħda fl-Imqabba.[19] Dan il-pass kien parti estensiva sabiex titwassal l-edukazzjoni qalb il-klassijiet l-aktar baxxi tas-soċjetà.[20]

L-iskejjel fl-Imqabba mhux biss infetħu iżda laħqu livell tajjeb sew. L-istat ta' l-iskejjel fl-Imqabba fl-1900 kien deskritt f'korrispondenza uffiċjali bħala *"one of the very best of its class"*.[21] Dan kien minħabba l-attendenza pjuttost regolari. In-numru ta' studenti fl-1900 kien ta' 52 subien, 59 bniet u 22 tfal żgħar. L-iskola ta' bil-lejl kienet tilqa' 50 student ieħor.[22]

Sa mill-1891 diġà kien hemm pjan ippreparat mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi sabiex tinbena skola fuq proprjetà tal-Gvern fuq art magħrufa bħala "Il Gnien tal Cmand".[23] It-talba oriġinali għall-bini ta' din l-iskola kienet saret mill-Kappillan tal-parroċċa waqt żjara fl-Imqabba tal-Gvernatur.[24] Kien żmien meta l-Kappillan kien jitkellem għan-nom tal-kommunità ferm aktar mil-lum. Dan aktar u aktar peress li bit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali ntela vojt f'dak li hu tmexxija ċivili li ħafna drabi kien jiġi milħuq mill-kappillan tal-parroċċa.



*Nikola Farrugia – ħaddiem fl-agrikoltura.*

L-offerti pubbliċi għall-bini ta' skola primarja ġewwa l-Imqabba ħarġu fit-28 ta' Mejju 1901.[25] Wieħed minn dawk li tefa' l-offerta approfitta ruħu mill-abbundanza ta' ġebla tal-franka ta' kwalità tajba u talab sabiex jekk jingħata permess sabiex jaqta' l-ġebla mill-istess post, iraħħas il-prezz u l-perijodu li jieħu sabiex jibni l-iskola.[26] L-aħħar irtokki fuq l-iskola primarja ta' l-Imqabba kienu għandhom qed isiru fl-1910 meta intalbet l-approvazzjoni sabiex isiru passaġġi quddiem il-bini ta' l-iskola.[27]

Aktar mill-importanza ta' dawn l-iżviluppi ġewwa l-Imqabba mill-aspett infrastrutturali, l-istoriku jinteressah l-effett li dan kollu kellu fuq il-ħajja tan-nies. Il-formazzjoni edukattiva fl-aħħar kwart tas-Seklu Dsatax poġġiet il-bażi għall-impjiegi matul l-ewwel kwart tas-Seklu Għoxrin. Meta wieħed jibda janalizza dan il-qasam isib li t-tendenza fl-Imqabba kienet li dawk bi mpieg kienu jaqgħu f'erba' kategoriji prinċipali jiġifieri dawk fil-

18. NAM, *CSG02*-3502/1896. *"Owing to a slackness in commercial transactions prevailing locally..."*
19. *Ibid.*, *CSG01*-14205.1897.
20. Zammit Mangion, *op. cit.*, 21.
21. NAM, *CSG01*-11123/1901.
22. *Ibid.*
23. Aktar qabel dan il-ġnien kien okkupat mil-Logutenent ta' l-Imqabba.
24. NAM, *CSG01*-11123/1901. Talba oħra sabiex it-tagħlim jiġi estiż sa Standard IV saret mill-Kappillan ta' l-Imqabba lill-Gvernatur waqt żjara tal-Gvernatur fil-25 ta' April 1937. Ara *CSG01*-1321/1937.
25. *Ibid.*, 16571/1901.
26. Din kienet ħaġa komuni anke fil-bini tal-knisja parrokkjali meta l-ġebla nqatgħet mill-pjazza tal-knisja li wara ssaqfet bl-arkati u ntużat bħala ġibjun għall-ilma. Fil-fatt f'Diċembru li għadda kulħadd seta' jara din il-ġiebja fil-pjazza wara li sfrundat parti minnha.
27. NAM, *CSG01*-16571/1901.

## L-Impjiegi ta' l-Imqabbin fl-1901[31]

| | Persuni | % ta' Okkupazzjoni | % ta' Popolazzjoni | % tad-Distrett[32] |
|---|---|---|---|---|
| **Professjoni** | | | | |
| Gvern Lokali | 4 | | | |
| Armata | 2 | | | |
| Professjoni[33] | 16 | | | |
| Total | 22 | 2.1 | 4.7 | 3.6 |
| **Domestiku** | | | | |
| Uffiċċji u Servizzi | 4 | | | |
| Total | 4 | 0.3 | 4.3 | 2.7 |
| **Kummerċjali** | | | | |
| Negozjanti u Aġenti | 51 | | | |
| Trasport | 25 | | | |
| Total | 76 | 7.1 | 12.9 | 12.7 |

barrieri tal-franka, fl-agrikoltura, fis-servizzi u dawk impjegati mal-Gvern. Fil-kumplament ta' dan l-artiklu ser naraw xi eżempji ta' kif ulied l-Imqabba kienu jgħaddu mill-bank ta' l-iskola għall-impjieg jew għal xi xogħol ieħor ġewwa d-dar. L-analiżi ġiet mibnija minn fuq ir-reġistri ta' l-attendenza ta' l-iskola Primarja ta' l-Imqabba li frott għall-mexxejja għaqlin li dejjem kien hemm baqgħu miżmuma tajjeb u intatti.[28]

Il-firxa ta' mpjiegi ġewwa l-Imqabba lejn tmiem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20 kienet dominata minn żewġ setturi partikolari; il-qtugħ tal-ġebla tal-franka u l-agrikoltura. Dan joħroġ ċar mill-analiżi taċ-ċifri fir-reġistri ta' l-iskola primarja li jindikaw ir-raġuni għaliex it-tfal iħallu l-iskola. Dan il-fattur kien ta' bilfors joħloq ċertu pressjoni fuq it-tagħlim ġewwa r-raħal peress li l-ġenituri kellhom inċentiv għaliex joħorġu lill-uliedhom mill-iskola sabiex jinvolvuhom fix-xogħol tal-barriera. Minkejja dan, iċ-ċifri juru l-ftuħ ta' l-iskola primarja ġewwa l-Imqabba wassal għal ċerta mobilità soċjali għal dawk l-istudenti li kienu ambizzjużi biżżejjed. Insibu per eżempju li fil-perijodu studjat (1890-1940) kien hemm erba' studenti li saru *monitors* (speċi ta' għalliema għal dak iż-żmien). Tnejn minnhom, Francesco Vella[29] u Ġużeppi Ghigo[30] kienu wlied tallab u ħaddiem fir-raba' rispettivament.

Iċ-ċifri ta' hawn fuq jindikaw li fl-1901 is-settur industrijali kien joffri l-akbar opportunità ta' impjieg għall-irġiel. Il-biċċa l-kbira tan-nisa jew ma kienx ikollhom impjieg jew kienu jinvolvu ruħhom fl-agrikoltura. Is-settur industrijali ġewwa l-Imqabba jaqbeż il-persentaġġ nazzjonali b'9%. Dan minħabba n-numru qawwi ta' 66 impjieg ġewwa l-barrieri. Interessanti wkoll kien il-fatt li fl-1901 nsibu persuna reġistrata li taqla' l-għejxien tagħha mix-xogħol tan-nar. Dan jindika l-għeruq fondi li t-tradizzjoni tal-piroteknika għandha fl-Imqabba.

Fis-settur agrikolu nsibu li fl-1901 kien hemm 215-il persuna jaħdmu. Minn dawn 124 kienu rġiel u 91 nisa. Meta wieħed iqabbel iċ-ċifri ma' dawk tad-distrett u ta' nħawi oħra ta' Malta jsib affarijiet interessanti. Filwaqt li l-ammont ta' rġiel li jaħdmu r-raba' fl-Imqabba kien in-nofs tal-perċentwal f'partijiet oħra ta' Malta, il-perċentwal ta' nisa li jaħdmu fil-qasam agrikolu ġewwa l-Imqabba kien id-doppju ta' dak f'inħawi oħra. Ipoteżi li tista' tispjega dan kollu tista' tkun li l-irġiel tar-raħal kienu jqisu x-xogħol fil-barriera bħala dak primarju u fir-raba' bħala sekondarju. F'dan ix-xenarju, wieħed jista' jifhem li kien hemm bżonn aktar involviment ta' nisa f'dan il-qasam.

L-istampa li wieħed jieħu minn artiklu pubblikat fil-fuljett 'Mageos' tal-1947 hi ferm differenti.[34] Dan peress li f'Marzu 1940 kien hemm 249 Imqabbi

28. Dawn ir-reġistri jkopru l-perijodu ta' bejn l-1881 u l-1960. Meta wieħed jiġi sabiex joħroġ statistika jsib ċertu diffikultajiet bħal reġistrazzjoni doppja ta' studenti li jerġgħu jidħlu l-iskola wara perijodu qasir ta' assenza. Punt pożittiv ħafna kien li meta xi student kien iħalli l-iskola s-Surmast kien iniżżel ir-raġuni għal dan. Nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lil Kap ta' l-iskola Mrs B. Azzopardi ta' l-għajnuna tagħha.
29. Skola Primarja ta' l-Imqabba, *Attendence Register - Boys 1880-1942,* 12.
30. *Ibid.*, 12.
31. Statistika meħuda minn *Census of Population 1901*, 18.
32. Id-Distrett imsemmi hu dak meqjus bħala l-*Eastern District* għal fini ta' ċensiment jiġifieri jinkludi lill-Bormla, l-Isla, il-Birgu, il-Kalkara, Ħaż-Żabbar, iż-Żejtun, Marsaxlokk, Raħal Ġdid, Ħal Tarxien, Ħal Għaxaq, il-Gudja, Ħal Safi, iż-Żurrieq, il-Qrendi, l-Imqabba u Ħal Kirkop.
33. Din il-kategorija kienet tinkludi erba' qassisin, erba' djakni, seba' għalliema fl-iskola.
34. *Mageos*, Spring 1947 (Malta Geographical Society).



*Paola Caruana – fis-settur tas-servizzi.*

nvoluti fix-xogħol tal-barriera. Dan kien ifisser 44.5% ta' dawk kollha li kienu mpjegati fl-Imqabba. Aktar interessanti hu l-fatt li l-ebda persuna m'hi reġistrata bħala li taqla' l-għixien tagħhom mill-agrikoltura. Iżda l-istess rapport isemmi li fl-istaġun kulħadd ikun involut fix-xogħol agrikolu, saħansitra anke tfal ta 'l fuq minn 7 snin.[35]

Is-sitwazzjoni fl-oqsma ta' l-impjiegi fl-Imqabba fl-1940 kienet hekk:

| | | |
|---|---|---|
| Qassisin | 6 | |
| Benestanti | 7 | |
| **Industrijali** | | |
| Fil-barriera | 249 | Sidien, Baqquniera, Lavranti u Burdnara |
| Bdiewa | 48 | Impjegati fuq bażi tal-jum |
| Jgħinu fir-raba' | ? | Kulħadd jgħin fl-istaġun |
| Bil-bhejjem | 5 | L-aktar bil-ħnieżer |
| Rgħajja | 4 | L-aktar bi skop ta' tgħammir |
| **Gvern Imperjali** | | |
| Tarzna | 39 | Tabib, Uffiċjal Sanitarju, Infermiera u żewġ Qwiebel |
| Suldati | 35 | |
| **Gvern Malti** | | |
| Saħħa | 2-3 | Tabib, Uffiċjal Sanitarju, Infermiera u żewġ Qwiebel |
| Għalliema | 9 | Fiż-żona u barra mir-raħal |
| Pulizija | 13 | Fiż-żona u barra mir-raħal |
| Tekniċi | 8 | F'dipartimenti tal-Gvern |
| Sefturi | 12 | F'istituzzjonijiet Governattivi |
| Pensjonanti | 5 | |
| **Kummerċ u Negozju** | | |
| Ħwienet | 24 | Tax-xorb u tal-merċa |
| Tal-laħam | 2 | |
| Furnara | 1 | |
| Ħajjata | 9 | |
| Parrukkiera | 2 | |
| Aġenti | 3 | L-aktar fil-qasam agrikolu |
| **Snajja'** | | |
| Bennejja | 10 | |
| Bajjada | 3 | |
| Landiera | 3 | |
| Skrapan | 2 | |
| **Għal Rashom** | | |
| Negozji Privati | 16 | Persuni mpjegati mal-privat barra mir-raħal |
| Trasport | 15 | |
| **Oħrajn** | | |
| Impjegati oħra | 25 | Bejjiegħa bieb bieb, ġbir ta' l-iskart u oħrajn |

Din it-tabella hi importanti għaliex tagħti stampa ta' l-impjiegi ġewwa l-Imqabba qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. Jidher li ftit li xejn kien hemm problema sabiex wieħed isib impjieg. Minkejja dan, wieħed irid jgħid li l-abbundanza ta' mpjiegi kienet l-aktar f'setturi ta' tbatija u strapazz. Ġużeppi Mallia li twieled fl-1906 jirrakkonta l-esperjenza tiegħu fl-ewwel jum ta' xogħol fil-barriera magħrufa bħala "tal-Marsus". Għal ġurnata xogħol hu rċieva 2 soldi u qata' qalbu mill-ewwel mix-xogħol ġewwa l-barriera.[36]

Wieħed jista' jgħid li l-introduzzjoni tat-tagħlim fil-livell primarju ġewwa l-Imqabba ħalla l-impatt tiegħu fuq il-popolazzjoni tal-lokal. Kien mezz li bih wieħed seta' jsib opportunitajiet ġodda li għalkemm limitati kienu alternattiva għal dik it-tip ta' ħajja li wieħed kien imdorri biha fil-passat. Issa kien possibbli li jibda jiżdied in-numru ta' dawk li jitgħallmu jiktbu u jaqraw u dan biss fih innifsu diġà kien ifisser bidla. Matul is-snin l-iskola primarja ta' l-Imqabba baqgħet taqdi dan ir-rwol edukattiv. Mhux biss. Saret ukoll l-uniku ċentru fir-raħal fejn setgħu jsiru attivitajiet ta' natura kulturali tal-massa. Min ma jiftakarx it-teatrin ġewwa l-iskola? Min ma jiftakarx lit-tim tal-futbol ta' l-Imqabba jittrenja ġewwa l-bitħa ta' l-iskola? Ħafna oħra ssellfu kotba mil-librerija ta' l-iskola. Dan juri li dak li nbeda snin ilu llum kiber u sar mezz li bih l-Imqabbin jistgħu jilħqu karigi għolja fis-soċjetà Maltija bħan-nies ta' rħula oħra.



*Raymond Ellul – impjegat fit-Tarzna.*

*Dan l-artiklu hu traduzzjoni mill-Ingliż ta' wieħed mill-kapitli tat-teżi għall-B.A. (Hons.) fl-Istorja intitolata 'Rural Village Politics in Malta: The Case of Mqabba 1890-1940' li Charles Farrugia ppreżenta fl-Università ta' Malta fl-1996.*

35. *Ibid.*, 12. *"In season everyone available, for agricultural work including some children over 7."*